

**Brussell, 28 ta' Frar 2024
(OR. en)**

6835/24

**SOC 121
EMPL 66
EDUC 52
ECOFIN 226**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-aġenda soċjali futura - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż in-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tal-11 ta' Marzu 2024.

L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-aġenda soċjali futura

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Is-Semestru Ewropew 2024

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024¹ u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi², li għandhom jiġu approvati u adottati mill-Kunsill rispettivament, għandhom perspettiva ġenerali pożittiva. Għalkemm l-attività ekonomika naqset fl-2023, ir-rata tal-impjiegi tal-UE laħqet livell rekord filwaqt li l-qgħad niżel għall-aktar livell baxx li qatt ġie rreġistrat, minkejja d-differenzi bejn l-Istati Membri u fihom. L-inflazzjoni, li laħqet il-quċċata tagħha fl-2022, qed tonqos.

Il-prestazzjoni storikament b'saħħitha fis-suq tax-xogħol hija akkumpanjata minn nuqqasijiet persistenti fis-suq tax-xogħol. Dawn in-nuqqasijiet joħolqu ostakli għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività kif ukoll għall-integrazzjoni u l-ġustizzja soċjali, li kienu fost it-temi ċentrali li ġew diskussi fis-Summit reċenti ta' Val Duchesse³. Barra minn hekk, mhux il-gruppi kollha jibbenefikaw bl-istess mod mis-suq tax-xogħol b'saħħtu u bosta għadhom jesperjenzaw ostakli strutturali għall-integrazzjoni sħiħa fis-suq tax-xogħol. Dawn jinkludu 8 miljun zaġġu u zaġġu li la għandhom impjeg u lanqas qegħdin jirċievu edukazzjoni u taħriġ; tali ċifri jenfasizzaw l-ħtieġa kontinwa għal implimentazzjoni vigoruża tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa⁴. Barra minn hekk, iż-żidiet fil-pagi baqgħu taħt ir-rati għoljin ta' inflazzjoni u rriżultaw ftelf fil-kapaċità tal-akkwist, b'impatt sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u dak medju.

¹ Dok. 6791/24.

² Dok. 6073/24

³ Is-Summit tas-Sħab Soċjali f'Val Duchesse - Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew prosperu

⁴ Dokument tal-Kunsill dwar ir-rieżami tal-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ – Messaġġi Ewlenin dok. 6831/24 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew inklużjoni soċjali fl-UE baqa' ġeneralment stabbli, anke bis-saħħa ta' azzjoni politika deċiżiva fid-dawl ta' kriżijiet differenti u l-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, minkejja l-isfidi kontinwi għall-adegwatezza u s-sostenibbiltà tagħhom. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti sabiex jitnaqqsu b'mod tanġibbli l-faqar u l-esklużjoni soċjali u biex tintlaħaq il-mira sal-2030. Filwaqt li t-tkabbir fl-impjiegi jikkontribwixxi b'mod pożittiv biex jittaffa l-faqar, il-benefiċċji mhumiex uniformi. Il-faqar enerġetiku u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni huma sfidi persistenti. Persuna minn kull għaxra fl-UE tgħix f'unità domestika fejn il-kostijiet tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjt disponibbli totali. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija flimkien mal-kriżi tal-għoli tal-ħajja fissru li fl-2022 madwar 9.3 % tal-Ewropej ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat, meta mqabbla ma' 6.9 % fl-2021.

Meta wieħed iħares lil hinn mil-livell tal-UE, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi ta' din is-sena għandu analiżi speċifika għall-pajjiż aktar b'saħħitha dwar ir-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq, abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali⁵. Din l-analiżi tikkonkludi li l-Istati Membri li bdew b'eżiti ġenerali relattivament agħar fil-qasam tal-impjiegi u tal-qgħad fl-2021 tjiebu b'mod aktar sostanzjali fl-2022, li jindika konverġenza fuq dawn id-dimensjonijiet. Madankollu, hemm riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq fil-ħiliet, minkejja l-iżviluppi pożittivi reċenti, li jistgħu joħolqu sfidi għall-impjegabbiltà u jżidu l-inugwaljanzi, dment li l-azzjoni politika ma tiżdiedx b'mod sinifikanti. Fl-aħħar nett, minkejja d-diversi kriżijiet, l-eżiti soċjali kienu ġeneralment stabbli b'mod ġenerali fl-2022, iżda għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib fid-dawl tal-għoli tal-ħajja elevat – u jiġu identifikati xi sitwazzjonijiet kritiċi f'oqsma bħall-protezzjoni soċjali u l-kura tat-tfal.

Il-Kummissjoni biħsiebha twettaq analiżi tat-tieni stadju dwar dawn ir-riskji potenzjali għal għadd ta' Stati Membri. Fi tmiem iċ-ċiklu tas-Semestru 2024, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitati tal-Protezzjoni Soċjali ser ikollhom l-opportunità li jeżaminaw l-impatt tal-analiżi tal-konverġenza soċjali 'l fuq abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, inkluż fuq l-attivitajiet tagħhom, u ser jinfurmaw lill-Kunsill.

⁵ Kif jinsab fil-messaġġi ewlenin tad-dokument ta' riferiment 9481/23 tal-EMCO-KPS

L-aġenda strateġika

B'ħarsa lil hinn mis-Semestru Ewropew 2024 u b'kont meħud ukoll tad-dibattiti li saru matul il-laqgħa informali tal-Ministri għall-impjegi u l-affarijiet soċjali f'Namur fil-11 u t-12 ta' Jannar, il-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ppreżentaw, fuq talba tal-Presidenza Belġjana, Opinjoni dwar il-prijoritajiet ta' politika futuri għall-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁶. Il-Presidenza Belġjana biħsiebha tuża din l-Opinjoni bħala kontribut għall-konferenza ta' livell għoli dwar il-Pilastru skedata f'La Hulpe fil-15-16 ta' April,

Kif għamli l-Ministri qabel, il-Kumitati jissottolinjaw ir-rwol essenzjali li kellu l-Pilastru mill-2017, u jiddikjaraw li l-implimentazzjoni konkreta tal-prinċipji tiegħu għandha tibqa' prijorità ewlenija għall-Unjoni u għall-Istati Membri, peress li l-prinċipji tiegħu jkomplu jirrappreżentaw il-pedament biex jiġu nnavigati l-megatendenzi ekonomiċi u soċjetali, jiffasslu l-politiki relatati, tiġi promossa l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, u jiġi appoġġat il-progress lejn il-miri tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030. Il-Kumitati jidentifikaw l-isfidi ewlenin li jirriżultaw mill-megatendenzi tad-diġitalizzazzjoni rapida, it-tibdil fil-klima u l-evoluzzjoni demografika.

Filwaqt li l-Opinjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' inizjattivi leġiżlattivi reċenti u inizjattivi oħra, hija tenfasizza wkoll il-ħtieġa għal azzjoni f'livelli ta' politika differenti (inkluż permezz tad-djalogu soċjali) f'għadd ta' oqsma biex jiġu indirizzati l-isfidi persistenti li jaffettwaw lill-Istati Membri kollha tal-UE u jirrikjedu reazzjonijiet komuni.

Wieħed mill-oqsma ta' prijorità ċari huwa l-politiki dwar il-ħiliet – li huma ċentrali għas-Sena Ewropea tal-ħiliet attwali u ser ikollhom rwol ewlieni biex jingħelbu kemm l-ostakli fuq terminu qasir ta' nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema kif ukoll l-inklużjoni insuffiċjenti fis-suq tax-xogħol. Il-politiki dwar il-ħiliet huma kruċjali wkoll fit-tfassil ta' tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika u diġitali. F'dan il-kuntest, il-prinċipju tal-ewwel Pilastru, li jinkludi d-dritt għat-taħriġ (kif enfasizzat fid-Dikjarazzjoni Tripartitika ta' Val Duchesse), jista' jsir aktar operazzjonali.

⁶ 7005/24

Mill-perspettiva tas-Suq Uniku, u filwaqt li jitqies ukoll ir-rapport dwar il-futur tas-Suq Uniku li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew tal-21-22 ta' Marzu 2024, hija meħtieġa aktar attenzjoni biex jiġiharsu d-drittijiet tax-xogħol, jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tissaħħaħ il-mobbiltà ġusta u jissaħħu l-aspetti soċjali fir-regoli tal-akkwist pubbliku, bħala parti mill-"kundizzjonijiet ekwivalenti" li jirfdu dan.

Tista' tkun utli wkoll aktar riflessjoni dwar kif il-Pilastru jista' jkompli jappoġġa lill-Istati Membri biex jiffaċċaw kriżijiet futuri possibbli u fl-iżgurar li t-tranżizzjoni meħtieġa lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti tkun ġusta u ekwa⁷. F'dan ir-rigward, u mingħajr preġudizzju għad-diskussjoni dwar il-mod kif ġie ffinanzjat, l-esperjenza pożittiva ta' SURE tista' tispira riflessjonijiet dwar il-valur miżjud tal-konsolidazzjoni ta' strument biex jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati lejn il-protezzjoni tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom fi żminijiet ta' tranżizzjonijiet.

Governanza

Fl-10 ta' Frar, intlaħaq ftehim proviżorju dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika, li għandu l-għan li jiżgura finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, filwaqt li jippromwovi tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investiment.

Pjanijiet strutturali fiskali ġodda fuq terminu medju huma fiċ-ċentru tal-qafas il-ġdid. L-Istati Membri ser ifasslu u jippreżentaw pjanijiet li jstabilixxu l-miri fiskali, ir-riformi u l-investimenti prijoritarji tagħhom, u miżuri biex jindirizzaw kwalunkwe żbilanċ makroekonomiku possibbli matul perjodu ta' aġġustament fiskali. Il-"perjodu ta' aġġustament" jirreferi għall-perjodu ta' żmien li fih, permezz ta' taħlita ta' aġġustamenti fiskali, riformi u investimenti, il-livell tad-dejn ta' Stat Membru jitqiegħed fuq perkors ta' tnaqqis sostenibbli.

⁷ Ara wkoll l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Valutazzjoni Ewropea tar-Riskju Klimatiku

L-Istati Membri li jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw riformi u investimenti ser jibbenefikaw minn perjodu ta' aġġustament aktar gradwali, estiż minn erba' snin sa seba' snin. Dawn il-miżuri jridu jqisu kriterji speċifiċi billi, b'mod partikolari, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa lill-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew jimmiraw lejn il-kisba ta' prijoritajiet ta' politika speċifiċi tal-UE. Dawn jinkludu, rispettivament, ir-rakkomandazzjonijiet abbażi tal-linji gwida dwar l-impjiegi (Artikolu 148 TFUE) u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Barra minn hekk, meta tkun qed twettaq sħarriġ dwar l-implimentazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni ser tinkludi l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-miri ewlenin tiegħu, permezz tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali u qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali⁸. Mhux inqas importanti minn hekk, kull riforma u investment għandhom ikunu dettaljati biżżejjed, antiċipati, marbuta biż-żmien u verifikabbli, li jitlob li jittejbu l-metodoloġiji tal-evalwazzjoni tal-impatt tal-kapaċità statistika biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda.

L-Opinjoni konġunta tal-EMCO u l-PSK dwar l-aġenda futura tisħaq fuq ir-rwol tas-Semestru Ewropew għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru, filwaqt li tibni fuq l-Opinjoni preċedenti dwar il-valur miżjud tal-investment soċjali u r-rwol tal-filière tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew⁹, li ddikkjara li "l-filière tal-Kunsill EPSCO għandu jżomm ir-rwol tiegħu ta' koordinazzjoni u monitoraġġ dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-politiki soċjali, inkluż fir-rigward tal-kontenut rilevanti tad-dokumenti kollha fil-qafas tas-Semestru Ewropew, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati." Ġiet enfasizzata wkoll il-ħtieġa li tinżamm in-natura multilaterali tal-proċessi tas-Semestru. Għaldaqstant, tista' tkun meħtieġa riflessjoni dwar il-mod kif dan jista' jinkiseb fil-kuntest tal-qafas il-ġdid. Barra minn hekk, l-Opinjoni tappella b'mod koerenti għall-iżvilupp ta' linji gwida komuni dwar metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-redditi ekonomiċi tal-investimenti soċjali u tar-riformi, kif ukoll strateġija għat-titjib tal-aċċessibbiltà u l-użu ta' data amministrattiva u sforzi konġunti għat-titjib tat-tempestività tal-indikaturi soċjali.

⁸ Il-premessa 7 tkompli tispjega dan u tagħmilha ċara li l-"qafas" inkwistjoni huwa l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali.

⁹ Dok. 15418/23

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jkollhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Kif tista' l-UE fil-qasam tal-politiki soċjali u tal-impjiegi tikkontribwixxi l-aktar biex tindirizza r-riskji fuq terminu qasir għall-konverġenza soċjali 'l fuq, filwaqt li tappoġġa l-kompetittività tal-Unjoni?*
- 2. X'inhuma l-prijoritajiet ewlenin għall-aġenda strateġika futura, b'mod partikolari biex jintlaħqu l-miri ewlenin għall-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, u xi rwol jista' jkollhom inizjattivi ulterjuri għat-trawwim tat-tagħlim tul il-ħajja, id-drittijiet tax-xogħol indaqs u l-appoġġ matul it-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol f'dan ir-rigward?*
- 3. Bil-ħsieb tad-dibattitu ta' għada, kif jistgħu l-Ministri għall-affarijiet soċjali u l-impjiegi jibbenefikaw minn kooperazzjoni msaħħa mal-Ministri għall-Finanzi, f'liema oqsma ta' politika u għaliex?*